28 ta' Jannar, 1944.

Imħalief:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci LL.D.

**Onor. Prof. Albert V. Bernard, C.B.E., M.D., D.P.H., ne.**

**versus**

Elena Bugeja et

**Istitut Kariķatevoli — Sptar tal-Lebbrużi — Spejjeż tal-Manteniment u Kura — Art. 10 ta' l-Ordinanza XX ta' l-1919.**

*Il-lebbrużi għandhom jiġu kkurati u mantenuti fl-Isptar tal-Lebbrużi bi spejjeż tal-Gvern; u l-Gvern ma għandux dritt għar-rimbors ta' dawk l-ispejjeż kontra l-lebbruż jew il-werriet tiegħu, imma biss kontra min kien obligat li jagħti l-manteniment lill-lebbruż skond il-liġi.*

*Għalhekk il-Gvern ma għandux dritt jagixxi kontra l-lebbruż għal dawk l-ispejjeż, u wara l-mewt tal-lebbruż ma għandux dritt jagixxi [illegible]om kontra l-eredita [illegible].*

L-attur nomine fit-tafrika tal-[illegible] l-insenjuja Elena Bugeja u Antonio Abdilla, u-kwalita tagħhom ta' insenjuja u dispożizzjon ta' l-interess tagħhom fil-wirt, jiġifieri l-imħarrka Elena Bugeja għal erbgħa kwinti u l-imħarrek Antonio Abdilla għal kwint, għandhom jagħtu lill-attur nomine s-som-

ma ta' £123. 6. 8, kwantu għal £119. 13. 2 għall-kura u manteniment ta' l-*imsemmi* Carmelo Abdilla fl-Isptarijiet tal-Gvern għaż-żmien bejn it-2 ta' Marzu 1941 u l-11 ta' Frar 1942 birrata ta' 6s. *kuljum* fissata mill-Kummissjunarji tal-Karità fisseduta tagħhom tat-12 ta' Awissu 1942 (Dok. A), u kwantu għal £3. 13. 6 spejjeż tal-funerali maħruġin minnu nomine; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti *opportuni*, l-istess imħarrkin jiġu kundannati jħallsuh nomine s-somma ta' £123. 6. 8 fil-proporzjon fuq imsemmija *għar-raġunijiet* fuq miġjuba. Bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar 1943 u bl-ispejjeż, komprizi dawk *ta'* l-*ittra* uffiċjali kontra l-imħarrkin;

*Omissis;*

Fuq il-meritu l-*Qorti tosserva* li t-talba tirrigwarda żewġ krediti, wieħed tal-manteniment u kura, u l-ieħor ta' spejjeż tal-funerali;

Fuq il-kreditu ta' l-ispejjeż tal-funerali l-imħarrkin ma qanqlu ebda *eċċezzjoni bil-miktub*. U tabilħaqq il-mejjet Carmelo Abdilla, li miet fl-Isptar tal-Lebbrużi f'Għajnsielem, ħalla l-ġid warajh, u għalhekk kien hemm mnejn isirlu l-funeral; u l-Gvern li ħadlu ħsieb jagħmilulu ġieb ruħu bħala "negotiorum gestor" fl-interess tal-wirt, u għandu d-dritt ta' regress kontra l-werrieta bi privileġġ fuq il-ġid tal-wirt. Is-somma ta' £3. 13. 6 minfuqa fi spejjeż tal-funeral mill-Gvern għaż-żmienijiet ta' meta sar il-funeral hija moderata ferm, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-*mejjet* ħalla ġid immobiljari, kif jirriżulta mit-testment tiegħu; u skond verbal tal-lum l-imħarrkin ma kkontestawx l-*ammont*, iżda biss id-dritt tal-Gvern għar-rimbors;

Fuq il-kreditu l-ieħor ta' £119. 13. 2, il-Qorti tosserva li l-kwistjoni hija *regolata* minn liġi speċjali, li hija l-*Ordinanza* XX ta' l-1919. U tabilħaqq, b'*riferenza* għal-Isptar tal-Lebbrużi, l-art. 10 ta' *dik* l-Ordinanza jgħid :— "Each *person* detained in the said hospital shall be *maintained* at the expense *of the Government*, saving the *right of the Government to* claim reimbursement from those who are bound according to law *to* supply *maintenance*". Dak l-*artikolu* huwa riproduzzjoni testwali ta' l-art. 7 ta' l-*Ordinanza* VII *ta'* l-1893, u jistabbilixxi r-*regola* li l-lebbruż għandu jiġi kkurat u mantnut

il-Isptar tal-Lebbrużi mhux għas-spejjeż tiegħu, iżda spejjeż tal-Gvern; u ma jagħmel ebda distinzjoni bejn fqir u għani. Id-dritt tal-Gvern għar-rimbors ta' l-ispejjeż mhuwiex mogħti mill-liġi kontra l-lebbrużi jew il-wirt tagħhom, iżda biss kontra dawk li huma obligati jagħtuhom il-manteniment skond il-liġi. Evidentement il-leġislatur għaraf ir-raġjonevolezza li l-Gvern ma għandux jitlob l-ispiża li jonfoq biex fl-interess tas-soċjetà in ġenerali jżomm il-lebbrużi segregati minn nieshom u mis-soċjetà kontra r-rieda tagħhom, ħlief meta l-lebbrużi jkunu dipendenti minn ħadd ieħor għall-manteniment tagħhom, peress li f'dan l-aħħar każ is-segregazzjoni ordinarjament ma tagħmel ebda differenza finanzjarja għal min kien obligat imantni l-lebbruż qabel is-segregazzjoni fl-Isptar. U tabilħaqq, kif kien imantnih qabel, id-debitur ta' l-alimenti jibqa' jmantni l-lebbruż wara d-dħul ġewwa l-Isptar. Huwa ċar illi l-liġi trid tiffavorixxi l-lebbruż personalment, billi teżentah mill-ħlas; iżda ma testendix l-istess favur lit-terzi persuni. U li dan huwa l-każ jidher ċar mill-mod kif dejjem sar, u minn kif dejjem ġie mifttiehem dak l-artikolu 10 ta' dik l-Ordinanza VII ta' l-1893, għax "optima est legum interpres consuetudo" (L. 37, Dig. De lege, 1. 3);

U tabilħaqq, sa qabel il-każ preżenti, il-Gvern qatt ma ġiegħel li-lebbrużi personalment, jew lill-wirt jew werrieta tagħhom, iħallsu tal-kura u tal-manteniment fl-Isptar tal-Lebbrużi; u dana ġie pruvat eżuberantement bix-xhieda li nstemgħu f'dil-kawża. U tabilħaqq, mix-xhieda ta' Alfred Salomone, li kien "almoner" mis-sena 1936 sas-sena 1940, jirriżulta li sa żmienu l-ebda lebbruż ma kien iħallas tal-kura u tal-manteniment, għalkemm kien hemm min kellu l-mezzi; u mix-xhieda ta' l-"almoner" attwali, Giuseppe Farrugia, jirriżulta li l-ewwel każ li fih il-Gvern talab il-ħlas lill-wirt tal-lebbruż kien il-preżenti. Iż-żewġ każi l-oħrajn li ssemmew f'din il-kawża ma kienux ta' ħlas da parti tal-lebbruż personalment jew tal-wirt tiegħu, iżda ħlas da parti ta' min kien obligat skond il-liġi joħroġ il-manteniment lill-lebbruż. U f'dan is-sens, konformi wkoll għall-konswetudini, jidher li fehmet u applikat il-liġi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 1918 in re "Onor. Benjacar ne. vs. Salvatore Catania et." Kollez. XXIII—I—713), fejn ġie applikat espressament l-

artikolu 7 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1893, li huwa testwalment identiku għall-art. 10 ta' l-Ord. XX ta' l-1919. Huwa wkoll sintomatiku li fit-tariffi li stabbilew ir-rati li kellhom jitħallsu mill-morda fl-isparijiet u istituti tal-Gvern, l-isptar tal-lebbrużi qatt ma ssemma; u dan iwettaq il-fehma li bħala regola l-Gvern ma kellux jitlob il-ħlas tal-manteniment tal-lebbrużi, għax anzi fil-biċċa l-kbira tal-każi l-Gvern kien u għadu jħallas sussidju lill-familji tal-lebbrużi, u l-każ ta' ħlas da parti ta' nies il-lebbrużi kienu każi iżolati u rarissimi ferm. Dana juri kif l-art. 10 ta' l-Ordinanza XX ta' l-1919 ma għandux jiftiehem u jiġi nterpretat ħlief restrittivament;

— Huwa minnu li n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 387 tas-27 ta' Lulju 1940, li stabbiliet l-ogħla dritt ta' 8s. kuljum li jista' jintalab għall-kura u manteniment tal-morda fl-isptarijiet u istituti tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa, tikkomprendi l-istituti tal-Gvern kollha; iżda dana ma jġibx għall-konsegwenza li bis-saħħa ta' dik in-Notifikazzjoni l-attur jista' jitlob l-ispejjeż tal-kura u manteniment tal-lebbrużi minn għand il-lebbrużi stess jew minn għand il-werrieta tagħhom. Dik in-Notifikazzjoni stabbiliet biss li fil-każi li l-Gvern huwa ntitolat għal ħlas, jista' jitlob mhux iżjed minn 8s. kuljum; u għaldaqstant, jekk taħt l-Ordinanza XX ta' l-1919 il-Gvern mhux intitolat għal dak il-ħlas, dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern ma daħħlet l-ebda innovazzjoni;

Fil-każ preżenti l-attur qiegħed jitlob il-ħlas lill-werrieta tal-lebbruż, u dana qisu xorta waħda bħalli kieku talab il-ħlas lill-lebbruż personalment. Għalhekk l-attur mhux intitolat għar-rimborż li qiegħed jitlob;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba limitatament għas-somma ta' £3. 13. 6 relativi għall-ispejjeż funerarji fuq imsemmija, u tiċħad it-talba għall-kumplament; bl-ispejjeż mhux għà provvduti xort'oħra minn erbgħin waħda kontra l-imħarrkin, u l-kumplament kontra l-attur nomine.